# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 22 ta' Lulju, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Deelian Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Deelian Mifsud detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 18600(L)

Akkuzat talli fis-27 ta' Dicembru, 2015, ghall-habta tas-7:15 ta' filghodu, minn gewwa residenza Triton Mansions Blk D Flat 28 fi Triq it-Tamar f' San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti,

dokumenti personali u hwejjeg ohra u dan ghad-dannu ta' Sabrina Grech, liema serq huwa aggravat valur, bil-persuna u bil-lok u dan bi ksur tal-Artikoli 267, 268(b) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli nhar is-27 ta' Dicembru, 2015, ghal habta tal-16:30 ta' wara nofsinhar gewwa il-lock up tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana, ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' diversi oggetti u hwejjeg u dan ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fid-data u hinijiet imsemmija qabel, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' zewg ordnijiet ta' probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija nhar it-18 ta' Marzu, 2015 u fil-11 ta' Gunju 2015 u hekk kif imsemmija fl-Artikolu 28A 7(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mala, fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-vittma Sabrina Grech.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba f kaz ta' hija tikkonsidra lil Deelian Mifsud bhala recidiv b' sentenzi li huma definittivi u ma

jistghux jigu mhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Dicembru, 2015 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016 ghall-ewwel u t-tieni mputazzjoni u fejn huwa rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet l-ohra. In kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni izda l-imputat kwalifika li l-ammissjoni tieghu kienet tirreferi limitatament ghall-ammont ndikat minnu lill-Pulizija fl-istqarrija minnu rilaxxjata u li l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' ragion fattasi u mhux ta' serq aggravat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba

tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-27 ta' Dicembru 2015 ghall-habta tat-8.15am sar rapport fl-Ghassa tal-Qawra minn Sabrina Grech u Sabrina Mc Anally li aktar kmieni fl-istess jum l-imputat Deelian Mifsud, li dak il-lejl kien raqad fir-residenza ta' Mc Anally fuq stedina ta' Grech li kienet il-Kugina tieghu u li kienet qed toqghod ghand Mc Anally, kien ha l-ammont ta' € 720 Ewro mill-portmoni ta' Grech waqt li din kienet rieqda u kien imbaghad telaq mill-imsemmija residenza fil-Qawra. It-tifel minuri ta' Grech ra lill-imputat jiehu l-flus u mar jghid lill-ommu dwar dak li kien ghamel l-imputat u din harget tigri fit-triq u ratu jahrab l' hemm. Il-Pulizija ma setghux jirrintracjaw lill-imputat anki wara li saret komunikazzjoni ma' ommu izda ftit wara li dahal ir-rapport huma rcevew informazzjoni li huwa kien mistohbi f' post partikolari u meta l-Pulizija marru fuq il-post indikat sabuh u arrestawh u meta saret tfittxija fuq il-persuna tieghu nstabet is-somma ta' €510. Fl-istqarrija minnu rilaxxjata fis-27 ta' Dicembru 2015 (inserita a fol.34 et sequitur tal-atti processwali) l-imputat ammetta li kien ha l-ammont ta' €510 minn portmoni li sab f' kexxun f' kamra tas-sodda fir-residenza ta' Mc Anally u

li huwa haseb li kienu ta’ Nikita Mc Anally u sostna li dan ghamlu sabiex ipattihielha peress li hija kienet qed tghaddih biz-zmien. Waqt li kien qed jinzamm fil-lock up l-imputat li kien wahdu fic-cella kkaguna hsara fl-istess cella u l-valur tal-hsara gie ndikat fl-istima nserita a fol. 73 tal-atti processwali li giet prezentata mill-Maggur 524 Paul Cassar.

Illi kif diga’ gie ndikat aktar il-fuq l-imputat rregistra ammissjoni ghat-tieni mputazzjoni minghajr riservi u ammetta l-ewwel imputazzjoni izda limitatament ghall-ammont ta’ €510 minnu ndikat fl-istqarrija u misjub fuq il-persuna tieghu u mhux fil-valur akbar indikat mid-derubata. Id-Difiza Inoltre sostniet li l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta’ ragion fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u mhux fir-reat ta’ serq kwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-persuna li bih jinsab addebitat l-imputat permezz tal-ewwel imputazzjoni. Id-Difiza qed tibbaza din is-sottomissjoni taghha fuq il-fatt li l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata jghid li huwa kien ha l-flus mill-portmoni li sab f’ kexxun u li haseb li kienu ta’ Nikita Mc Anally sabiex ipattihielha ghaliex din kienet xebghat tghaddih biz-zmien. Illi din il-Qorti temmen li l-imputat ha l-flus mill-portmoni ta’ Grech ghaliex ried jisraqhom u ghall-ebda raguni ohra u dan jirrizulta mill-fatt li huwa harab minn fuq il-post u ammetta mal-Pulizija li kien ha dawk il-flus li nstabu fuqu biss wara li saret tfittxija intensive sabiex huwa jinstab u wara li gie arrestat. Fil-fehma tal-Qorti f’ dan il-kaz tirrizulta r-rejita’ ghas-serq kwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-persuna u mhux ghar-reat ta’ ragion fattasi kif tikkontendi d-Difiza. Il-Qorti temmen li l-imputat ha l-flus ghaliex ried jisraqhom u ghall-ebda raguni ohra

Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni mputazzjoni rrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ikkaguna l-hsara fic-cella b' mod volontarju u rrizulta wkoll li din il-hsara kienet fil-parametri ndikati fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova lil-imputat kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu permezz tal-Ordnijiet ta' Probation mahruga fil-konfronti tieghu fit-18 ta' Marzu 2015 u fil-11 ta' Gunju 2015u ghalhekk huwa ser jinstab hati anki tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi l-imputat ma jistghux jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva stante li kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza meta huwa nstab hati permezz tas-sentenzi appena citati gie impost fuqu Ordni ta' Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk huwa ma jistghux jitqies bhala recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa minuri u fil-fatt gie applikat l-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tieghu izda din il-Qorti kkunsidrat ukoll li nonostante l-eta' tenera tieghu l-imputat diga' kiser duffrejh mal-gustizzja f' aktar minn okkazzjoni wahda u nonostante li inghatat lilu l-opportunita' li jirriforma ruhu huwa rrespinga din l-ghajnuna u kompla fit-triq il-hazina.  Fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li m' ghandiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli261, 267,268(b), 269(g), 279(a), 280(1), 325(1)(b), 17, 20, 31 u 37 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 7 u 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija u multa ta' mitt Ewro (€100).

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghar-revoka tal-helsien mil-arrest moghti lill-imputat permezz ta' digriet tat-12 ta' Frar 2016 maghmula mill-Prosekuzzjoni permezz tar-rikors tad-9 ta' Marzu 2016 stante li mill-vera kopja tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-24 ta' Mejju 2016 (inserita a fol.117 et sequitur) jirrizulta li gie ordnat ir-riarrest tal-imputat u gie konfiskat favur il-Gvern ta' Malta l-ammont ta' €2000 impost bhala garanzija personali ai termini tad-digriet ghall-helsien mil-arrest tat-12 ta' Frar 2016.

**Magistrat**